

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1715

tat-8 ta' Settembru 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/1998.
- (2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, fid-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-din ja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssahħħah ir-rwl tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-din ja. Il-kisba tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem minn kulħadd hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispetti għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.
- (3) L-Unjoni ma tirrikonoxxix l-annejjoni illegali tal-Krimea u ta' Sevastopol mill-Federazzjoni Russa u tibqa' tikkundannaha bħala ksur tad-dritt internazzjonali. L-Unjoni għadha soda fl-impenn tagħha għas-sovranitā u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u hija ddedikata għall-implimentazzjoni sħiħa tal-politika tagħha ta' nonrikonoxximent.
- (4) L-Unjoni hija mħassba dwar id-deteriorament kontinwu tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-peniżola tal-Krimea, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
- (5) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li sitt persuni jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiziċċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2020/1998.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/1998 jiġi emendat skont dan,

(¹) ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2020/1998 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS*

ANNESS

L-entrati li ġejjin huma miżjudha mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fit-taqSIMA A ("Persuni fiżiċi") fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2020/1998:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"63.	Elena Victorovna PODOLNAYA	Елена Викторовна ПОДОЛЬНАЯ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Prosekurur Russu; Viċi Prosekurur fis-Simferopol District Court in the Republic of Crimea Data tat-tweliż: 5.9.1978 Sess: mara Numru tal-karta tal-identità tat-taxxa: 261803847664	Elena Podolnaya hija l-Viċi Prosekurur fil-Qorti Distrettwali ta' Simferopol fir-Repubblika tal-Krimea" stabbilita mill-forza okkupanti tar-Russja fil-Krimea annessa illegalment. F'dik il-pożizzjoni, Elena Podolnaya ħadet sehem fil-proċedimenti tal-qorti politikament motivati kontra Vladyslav Yesypenko, ġurnalist, u għaliex ippoproponiet sentenza ta' 11-il sena ħabs. Vladyslav Yesypenko ġie kkundannat għal 6 snin ħabs. Il-proċedimenti tal-qorti kontra Vladyslav Yesypenko kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew bħala proċess eżemplari fir-Russja biex l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitraqżżu milli jleħħn oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għoddha mifruxa ma' kullimkien fghadd kbir ta' każiġiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u gravi d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà tagħhom tal-opinjoni u tal-espressjoni. Għalhekk, hija responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż ksur tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	8.9.2023
64.	Denis Vladimirovich KOROVIN	Денис Владимирович КОРОВИН (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Uffiċjal tal-Federal Security Service of the Russian Federation (FSB) Sess: raġel	Denis Korovin huwa uffiċjal tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB). Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa ħa sehem fit-tortura ta' Vladyslav Yesypenko, ġurnalist, li ġie kkundannat għal 6 snin ħabs. Il-proċedimenti tal-qorti kontra Vladyslav Yesypenko kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew bħala proċess eżemplari fir-Russja biex l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitraqżżu milli jleħħn oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għoddha mifruxa ma' kullimkien fghadd kbir ta' każiġiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u gravi d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà tagħhom tal-opinjoni u tal-espressjoni. Għalhekk, huwa responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż tortura, trattament inuman u degradanti u ksur tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	8.9.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
65.	Dliaver Memetovich BERBEROV	Длявер Меметович БЕРБЕРОВ (ortografijska Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef fis-“Simferopol District Court of the Republic of Crimea” Data tat-twelid: 17.8.1978 Post tat-twelid: Uzbekistan Sess: raġel	Dliaver Berberov huwa mħallef fil-“Qorti Distrettwali ta’ Simferopol fir-Repubblika tal-Krimea” stabbilita mill-forza okkupanti tar-Russja fil-Krimea annessa illegalment. F'dik il-pożizzjoni, ħa sehem fil-proċedimenti tal-qorti politikament motivati kontra Vladislav Yesypenko, ġurnalista. Fis-16 ta’ Frar 2021, Dliaver Berberov ħabbar il-verdett tal-każ ta’ Vladislav Yesypenko u kkundannah għal 6 snin ġabs.	8.9.2023
			Indirizz: 6 Turkenicha St., Simferopol, Crimea, Ukraine AP Крим, г. Симферополь, ул. Туркенича 6 Kodiċi DRFO: 2871801456	Il-proċedimenti tal-qorti kontra Vladislav Yesypenko kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u serwev bħala proċess eżemplari fir-Russja biex l-il-ħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitraqżu milli jleħ-hn oppożizzjoni għall-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed jużà l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għoddha misfruxa ma’ kullimkien f’għadd kbir ta’ każijiet ta’ ksor serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u gravi d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà tagħhom tal-opinjoni u tal-espressjoni. Għalhekk, huwa responsabbi għal ksor serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż ksor tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	
66.	Vitaliy Olegovich VLASOV	Виталий Олегович ВЛАСОВ (ortografijska Russa)	Pożizzjoni(jiet): Investigatur fil-Federal Security Service of the Russian Federation (FSB) Data tat-twelid: 7.5.1986 Post tat-twelid: Shimanovsk/Amur Oblast/Russian Federation Nazzjonaliità: Russa Sess: raġel	Vitaliy Vlasov huwa investigatur fis-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB). F'dik il-pożizzjoni, huwa mexxa l-investigazzjonijiet fil-każijiet tal-ġurnalista Vladislav Yesypenko, ta’ membri tal-komunità tat-Tatari tal-Krimea fil-Krimea, inkluż Nariman Dzhelyalov, kif ukoll ta’ membri tax-Xhieda ta’ Jehovah, inkluż Aleksandr Dubovenko u Aleksandr Litvinyuk. F'dak il-kuntest, Vlasov kien involut fil-kampanji ta’ persekuzzjoni sistematika kontra l-komunità tat-Tatari tal-Krimea u membri tax-Xhieda ta’ Jehovah minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom. Għalhekk, huwa responsabbi għal ksor serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż tortura, trattament inuman u degradanti, arrest u detenzjoni arbitrarji u ksor tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	8.9.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
67.	Viktor Viktorovich KRAPKO	Виктор Викторович КРАПКО (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tas-“Supreme Court of the Republic of Crimea”; Eks Imħallef fil-Kiev District Court of Simferopol Data tat-twelid: 22.1.1989 Nazzjonaliità: Russa Sess: raġel	Viktor Krapko huwa mħallef fil-“Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Krimea” stabbilita mill-forza okkupanti tar-Russja fil-Krimea annessa illegalment. F'dik il-pożizzjoni, ħa sehem fil-proċedimenti tal-qorti politikament motivati kontra Vladyslav Yesypenko, ġurnalist, u Nariman Dzhelyalov, Tatar tal-Krimea. Krapko huwa responsabbi wkoll għall-awtorizzazzjoni ta' tfittxijiet fid-djar ta' membri tax-Xhieda ta' Jehovah fl-2021 fil-Krimea okkupata mir-Russja. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għoddha mifruxa ma' kullimkien f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u gravi d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà tagħhom tal-opinjoni u tal-espressjoni. F'dak il-kuntest, Krapko kien involut fil-kampanji ta' persekuzzjoni sistematika kontra l-komunità tat-Tatari tal-Krimea u membri tax-Xhieda ta' Jehovah minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom. Għalhekk, huwa responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż ksur tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni.	8.9.2023
68.	Anastasia Ivanovna SUPRYAGA	Анастасия Ивановна СУПРЯГА (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Prosekuratur fil-“Prosecutor's Office of Crimea” Data tat-twelid: 15.3.1983 Post tat-twelid: Vinohradove, Saksky district, Autonomous Republic of Crimea, Ukraine Nazzjonaliità: Russa Sess: mara	Anastasia Supryaga hija prosekutur tal-“Ufficiċju tal-Prosekutur tal-Krimea” stabbilita mill-forza okkupanti tar-Russja fil-Krimea annessa illegalment. F'dik il-pożizzjoni, ħadet sehem fil-proċedimenti tal-qorti politikament motivati u l-prosekuzzjoni ta' Akhtem Chiygoz, Viċi President tal-Mejlis tal-poplu Tatar tal-Krimea u ta' membri tal-komunità tat-Tatari tal-Krimea, inkluż Nariman Dzhelyalov. F'dak il-kuntest, Supryaga kienet involuta fil-kampanji ta' persekuzzjoni sistematika kontra l-komunità tat-Tatari tal-Krimea u membri tax-Xhieda ta' Jehovah tal-Krimea minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom. Għalhekk, hija responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż arresti jew detenżjonijiet arbitrarji.	8.9.2023”.